Notifika mill-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi fiż-żona ta' "Strzeżewo"

(2014/C 299/07)

Il-proċedura tikkonċerna l-għoti ta' konċessjoni għall-ipprospettar jew l-esplorazzjoni tad-depożitu tal-gass naturali "Wrzosowo" fiż-żona ta' "Strzeżewo" fil-provinċja ta' Zachodniopomorskie:

Isem	Nru tal-Blokk	Sistema ta' koordinati PL-1992	
		X	Y
Strzeżewo	parti mill-blokk ta' konċessjoni Nru 62	689 528,96	227 237,17
		690 798,88	225 393,19
		692 818,47	226 893,28
		691 449,37	228 736,52

L-applikazzjonijiet iridu jkopru ż-żona msemmija hawn fuq.

L-applikazzjonijiet għall-konċessjoni jridu jintbagħtu lill-Ministeru tal-Ambjent sa mhux aktar tard minn 12:00 nofsinhar (CET/CEST) tal-aħħar jum tal-perjodu ta' 91 jum li jibda mill-jum ta' wara l-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-applikazzjonijiet li jaslu se jiġu vverifikati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) it-teknoloġija proposta għax-xogħol (50 %);

(b) il-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tal-applikant (40 %);

(c) it-tariffa proposta għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt mill-minjieri (10 %).

It-tariffa minima għall-istabbiliment tad-drittijiet tal-użufrutt mill-minjieri għaż-żona "Strzeżewo" hija:

1. għall-ipprospettar tad-depożiti ta' gass naturali:

   — matul il-perjodu bażiku ta' tliet snin: PLN 10 000,00 fis-sena,

   — għar-raba' u l-ħames sena tal-validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 10 000,00 fis-sena,

   — għas-sitt sena u s-snin sussegwenti tal-validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 10 000,00 fis-sena.

2. għall-esplorazzjoni tad-depożiti ta' gass naturali:

   — matul il-perjodu bażiku ta' tliet snin: PLN 20 000,00 fis-sena,

   — għar-raba' u l-ħames sena tal-validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 20 000,00 fis-sena,

   — għas-sitt sena u s-snin sussegwenti tal-validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 20 000,00 fis-sena.

3. għall-ipprospettar u l-esplorazzjoni tad-depożiti ta' gass naturali:

   — matul il-perjodu bażiku ta' ħames snin: PLN 30 000,00 fis-sena,

   — għas-sitt, is-seba' u t-tmien sena tal-validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 30 000,00 fis-sena,

   — għad-disa' sena u s-snin sussegwenti tal-validità tal-kuntratt tal-użufrutt tal-minjieri: PLN 30 000,00 fis-sena.

Il-proċedura tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni se titlesta fi żmien sitt xhur mill-iskadenza tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet. L-applikanti jirċievu notifika bil-miktub tar-riżultat ta' din il-proċedura.

L-applikazzjonijiet iridu jinkitbu bil-Pollakk.

L-awtorità tal-liċenzji se tagħti konċessjoni għall-ipprospettar jew l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-gass naturali "Wrzosowo" lill-applikant magħżul wara li tqis l-opinjoni tal-awtoritajiet rilevanti, u se tidħol f'kuntratt ta' użufrutt mill-minjieri mal-applikant.

Sabiex ikun jista' jwettaq l-attività li tinvolvi l-ipprospettar jew l-esplorazzjoni tad-depożiti tal-idrokarburi fil-Polonja, operatur irid ikollu kemm id-drittijiet tal-użufrutt mill-minjieri u kemm il-konċessjoni.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Ministry of the Environment
Geology and Geological Concessions Department
ul. Wawelska 52/54
00-922 Warszawa
POLSKA/POLAND

Għal aktar tagħrif:

— is-sit tal-Internet tal-Ministeru tal-Ambjent:
www.mos.gov.pl

— Id-Dipartiment tal-Ġeoloġija u tal-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi
Il-Ministeru tal-Ambjent
ul. Wawelska 52/54
00-922 Warszawa
POLSKA/POLAND

Tel. +48 225792449
Faks +48 225792460
E-Mail: dgikg@mos.gov.pl

Approvat minn:

Sławomir M. BRODZIŃSKI

Il-Ġeoloġista Prinċipali Nazzjonali